II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1154

tad-9 ta' Lulju 2021

li jistabbilixxi għeluq tas-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u fil-Mediterran għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Greċja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 [2] jistabbilixxi l-kwoti għall-2021.

(2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tat-tonn li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Greċja jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għamlu fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u fil-Mediterran eżawrew il-kwota allokata għalihom għall-2021.

(3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata għall-2021 għall-Greċja għall-istokk tat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u fil-Mediterran imsemmija fl-Anness għandha titqies li hija eżawrita mid-data stabbilita f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Greċja jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għandhom jiġu pprojbiti mid-data stabbilita fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li jinżamm abbord il-ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data, jew li dan il-ħut jiġi rrilokat, ittrażbordat jew li jinħatt l-art.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Virginijus Sinkevičius
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Nru	12/TQ92
Stat Membru	Il-Greċja
Stokk	BFT/AE45WM (inkluż BFT/*641, BFT/*643, BFT/*8301, BFT/*8302 u BFT/*8303F)
Speċi	Tonn (*Thunnus thynnus*)
Żona	L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran
Data tal-għeluq	28.4.2021